**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 18 ta` Marzu 2021**

**Kawza Nru. 9**
**Rikors Nru. 74/2020 JZM**

**Marie Christiane Ramsay Pergola**

***kontra***

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li kien prezentat fis-6 ta` Novembru 2020 li jaqra hekk :–

*1. Illi l-esponenti hija membru u direttrici tas-socjeta` C.C.J Property Limited [C 25970] u ghandha sehem ta` 1750 minn 2000 ishma (ir-rimanenti 250 ishma jappartjenu lill-eredita` tal-mibki Umberto Pergola).*

*2. Illi s-socjeta` C.C.J Property Limited hija socjeta` li izzomm proprjeta barra minn Malta.*

*3. Illi permezz ta` ittra datata 11 ta` Frar 2020, ir-Registratur tal-Kumpanniji talab lill-esponenti sabiex tinformah hekk il-kumpanija C.C.J Property Limited ghadhiex f`operazzjoni (kopja ta`liema qiegheda tigi hawn annessa u mmarkat bhala Dokument B).*

*4. Illi l-esponenti, tramite l-ufficcju taghha, wiegbet ghall-ittra billi kkonfermat li s-socjeta` C.C.J Property Limited ghadha attiva u topera u kien inbiddel l-indirizz tal-ufficcju taghha.*

*5. Illi nhar l-24 ta` Marzu 2020 ir-Registratur tal-Kumpanniji rega` baghat ittra indirizzata lis-socjeta` C.C.J Property Limited fl-indiriz 229, Republic Street, Valletta, VLT 05 b`liema kien qed iwissi li kien ser jipprocedi bl-istralc tal-kumpannija a tenur tal-Artikolu 325(2) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta, kopja ta` din l-ittra hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument C.*

*6. Illi minhabba l-pandemia prezenti u peress li n-nies li kienu jahdmu gewwa dak l-ufficcju kienu kollha nies vulnerabbli, l-ufficcju 229, Republic Street, Valletta kien maghluq u ghalhekk din l-ittra waslet ghand id-dirigenti tal-kumpanija biss nhar it-23 ta` Ottubru 2020.*

*7. U billi ghalhekk meta l-esponenti saret taf bl-ittra s-socjeta` C.C.J Property Limited gja kienet xolta u mhassra minn fuq ir-registru tal-kumpaniji u dan b`effett mill-24 ta` Gunju 2020.*

*8. Illi jigi rilevat li s-socjeta` C.C.J Property Limited kienet gja infurmat ir-Registrarur tal-Kumpaniji fil-21 ta` Gunju 2018 li ma kenitx baqghet topera mill-indirizz 229, Republic Street, Valletta, VLT 05 izda minn 123, Melita Street, Valletta u dan permezz ta` Form Q, liema dokument ma kienx gie processat ghaliex ir-Registratur kien qed jinsisti li qabel xejn is-socjeta` tigi regolarizzata, kopja ta`liema hija hawn annessa bhala dokument "D".*

*9. Illi fil-fatt is-socjeta` C.C.J Property Limited kienet qieghda tahdem sabiex tigbor id-dokumentazzjoni rikjesta u tigi in regola meta giet stralciata mir-registratur; u qieghda fil-process li tipprezenta d-dokumenti kollha mehtiega fil-mori ta` dawn il-proceduri.*

*10. Illi jigi rilevat li l-avviz tal-24 ta` Marzu 2020 intbaghat f` indirizz li r-registratur kien post maghluq u di piu` fi zmien in kwistjoni (24 Gunju) kien hemm sospenzjoni tat-termini u b`hekk is-socjeta` ma messhiex giet stralcata f`dik id-data, u dan apparti l-fatt li l-ufficcju fl-indirizz 229, Republic Street, Valletta kien maghluq minhabba l-pandemija.*

*11. llli ghalhekk, l-esponent ghandu kull interess illi din il-kumpannija terga` titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u dana taht il-provvedimenti tal-Artikolu 325(4) ral-Kapitolu 385 dwar il-Kumpanniji, billi l-imsemmija kumpannija ghadha qieghed topera sal-lum, u ghandha sahansittra proprjeta barra minn Malta.*

*Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett, illi dina l-Onorabbli Qorti toghgobha :*

*1. Tordna illi isem is-socjeta` C.C.J Property Limited [C 25970] jerga` jidhol fir-Registru tas-Socjetajiet a tenur tal-Artikolu 325(4) tal-Kap.386 bil-konsegwenzi kontemplati mill-imsemmi artikolu fosthom illi mal-konsenja mir-Registratur tal-Qorti, lir-Reigstratur tal-Kumpanniji ta kopja ufficjali tal-ordni moghti minn dina l-Onorabbli Qorti ghar-registrazzjoni l-kumpannija C.C.J Property Limited ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar ; u*

*2. Taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jkunu xierqa biex il-kumpannija C.C.J Property Limited titqieghed fl-istess pozizzioni kemm jista` jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar.*

*3. Tordna li kopja ufficjali tas-sentenza ossia ordni moghti minn dina l-Onorabbli Qorti tigi notifkikata jew konsenjata mir-Registratur tal-Qorti lir-Registratur tal-Kumpanniji ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Rat ir-risposta li kienet prezentata fis-27 ta` Novembru 2020 a fol u li taqra hekk :-

*Illi l-kumpanija C.C.J Properties Limited giet registrata fis-6 ta` Dicembru 1990 bhala offshore company (OS/241/NT) u spiccat minn offshore company skont is-sezzjoni 60 tal-MFSC (KAP 330), u b`effett mill-1 ta` Jannar 2000 giet kontinwata bhala kumpanija b`responsabbilita` limitata bin-numru (C 25970).*

*Illi fiz-zmien li damet fuq ir-Registru, il-kumpanija naqset mill-obbligi taghha illi tibghat kontijiet u prospetti annwali lir-Registratur ghar-registrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk, illi l-kumpanija qatt ma rregistrat l-ebda prospett annwali jew kont annwali matul iz-zmien kollu li kienet fuq ir-Registru tal-Kumpanji.*

*Illi tali nuqqas kien raguni bizzejjed sabiex l-esponent Registratur jissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kinitx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji.*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Registratur proceda sabiex kiteb lill-kumpanija u lill-ufficjal taghha sabiex javza illi l-isem tal-kumpanija kien ser jigi mhassar minn fuq ir-Registru kemm-il darba ma tintweriex raguni sabiex dan ma jsehhx.*

*Illi r-Registratur baghat l-ewwel avviz permezz ta` ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bhala Dok. `A`, l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha mahruga mir-Registratur) fuq l-indirizz registrat taghha, 229, Republic Street Valletta, VLT 05, kif ukoll lid-direttur ewlieni, Marie Christiane Ramsay fuq l-indirizz taghha, Via F. Michelini Tocci, 80/82, Rome, Italy datati, 11 ta` Frar 2020;.*

*Illi f`din l-ittra l-kumpanija giet infurmata illi ladarba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi taghha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, f` kaz li ma twegibx fi zmien xahar, ir-Registratur kien se jkompli bil-process ta` thassir tal-isem tal-kumpanija.*

*Illi kif sostniet ir-rikorrenti, kienet intbaghtet Form Q fil-21 ta` Gunju 2018, fejn ir-Registratur gie notifikat li kien inbidel l-indirizz tal-kumpanija. Id-desk officer inkarigata minn din il-kumpanija kienet baghtet ittra lura flimkien mal-Form Q originali fl-indiizz il-gdid indikat mil-istess kumpanija li kien 123, Melita Streef Valletta, VLT 1123, fejn infurmat lid-diretturi illi tali Form Q ma setghetx tigi accettata u rregistrata minhabba diversi ragunijiet li kienu : il-fatt li flimkien mal-Form Q kellha tigi sottomessa ittra fejn il-proprjetarju tal-indirizz propost il-gdid kien qed jaghti l-kunsens tieghu li tali kumpanija tkun registrata fuq dak l-indirizz, fl-ittra gie indikat ukoll li d-data ta` meta giet iffirmata l-Form Q ma kinetx korretta ghax kienet tipprecedi dik tal-effective date, u in piu` gie mitlub lid-diretturi tal-kumpanija jipprezentaw il-prospetti annwali kollha flimkien mat-tarriffa relattiva sabiex tkun tista` tigi registrata l-istess Form Q, ladarba tigi amendata u tkun skont il-ligi.*

*Illi fil-frattemp il-kumpanija qatt ma regghet baghtet dokumenti lir-Registratur kif mitlub minn dan tal-ahhar u ghaldaqstant, l-indirizz tal-kumpanija qatt ma seta` jinbidel minn fuq ir-Registru u ghalhekk meta nbeda dan il-process ta` thassir tal-kumpanija, wahda mill-ittri kienet tintbaghat dejjem fuq l-inidrizz registrat tal-kumpanija kif indikat aktar `il fuq;.*

*Illi madanakollu, anke jekk ghall-fini tal-argument il-kumpanija ma baqghetx tuza dak l-indirizz u ghaldaqstant ma rcevitx dawn in-notifiki, tajjeb li l-ewwel u qabel kollox isir enfasi fuq il-fatt li dan se mai sehh bi traskuragni u minhabba nuqqasijiet min-naha tal-ufficjali tal-istess kumpanija u apparti dan kollu, dawn l-ittri kienu dejjem jintbaghtu wkoll lill-unika direttrici tal-kumpanija u ghaldaqstant l-argument taghha li ma kinetx taf bit-tieni ittra m`huwiex plawsibbli fil-fehma tar-Registratur.*

*Illi fil-frattemp, l-esponent ma rcieva l-ebda tip ta` oggezzjoni u ghaldaqstant fl-24 ta` Marzu 2020, inharget pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wiehed fost ohrajn illi kien ser jigi mnehhi minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji fi zmien tliet xhur, ladarba ma jkunx hemm oggezzjoni ghal dan.*

*Ir-Registratur qatt ma rcieva l-ebda tip ta` risposta jew dokumenti pendenti minghand il-kumpanija u ghaldaqstant fl-24 ta` Gunju 2020, li jahbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent hareg avviz fuq website mizmuma minnu fejn gie avvat*

*illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien gie mhassar minn fuq ir-Registru.*

*Illi r-rikors qieghed isir fiz-zmien il-hames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz tat-thassir u ghalhekk ghadu fiz-zmien stipulat mil-ligi.*

*Illi jekk l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun illi l-isem tal-kumpanija jerga` jitqieghed fuq ir-Registru, ir-Registratur umilment jissolleva illi l-kumpanija ghandha taggorna d-dokumenti mehtiega kollha (inkluz tibdil fl-indirizz registrat, prospett annwali u kontijiet annwali) u dan sabiex jigi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni.*

*Illi jidher bic-car illi r-rikorrenti qatt ma kellhom interess li jimxu skont il-ligi dwar il-kumpaniji u nfatti naqsu milli jirregistraw dokumenti mandatorji mar-Registratur tul is-snin kollha illi din il-kumpanija kienet fuq ir-Registru. Ir-rikorrenti injoraw ukoll il-multi illi jfakkruhom f`tali nuqqas u qatt ma affettwaw il-pagamenti tal-multi. Illi l-penali fuq nuqqas ta` registrar ta` prospetti annwali kif ukoll tal-kontijiet annwali sad-data ta` meta l-kumpanija giet mhassra minn fuq ir-Registru jammontaw ghal EUR 18,734.50.*

*Illi di piu`, il-pagamenti pendenti fuq registrazzjoni ta` prospetti annwali jammontaw ghal EUR 2,704.71.*

*Ir-Registratur qieghed umilment jissolleva illi qieghed ihalli f` idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jigu maghrufin il-passi illi ghandhom jittiehdu min-naha tieghu sabiex il-pozizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tigi rattifikata.*

*Illi ghaldaqstant huwa lest li joqghod ghal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi partikulari ta` dan il-kaz.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-risposta.

Rat il-verbali tal-udjenzi tal-kawza, l-ahhar wahda dik tat-2 ta` Marzu 2021.

Rat illi f`din l-ahhar udjenza il-qorti kellha konferma li fil-mori tal-kawza kienu regolarizzati l-pendenzi kollha li l-kumpannija in kwistjoni kellha mal-intimat qabel sar it-thassir taghha mir-registru, kif ukoll li minhabba dan il-fatt, l-intimat ma kienx qed jopponi li l-isem ta` din il-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## III. <u>L-Art 325 tal-Kap 386</u>

L-azzjoni odjerna kienet intavolata abbazi tal-**<u>Art 325 tal-Kap 386</u>** li jghid :-

*(1) Meta r-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb li kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista` jibghat lill-kumpannija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpannija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera.*

*(2) Jekk ir-Registratur jircievi twegiba fis-sens li l-kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jircevix twegiba fi zmien xahar minn meta jkun baghat l-ittra, dan jista` jibghat lill-kumpannija bil-posta u jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f `Malta li, f`eghluq tliet xhur mid-data tal-ahhar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviz, l-isem tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju jew jekk ir-Registratur ikun sodisfatt li hemm ragunijiet bizzejjed biex ma jipprocedix bit-thassir, jithassar minn fuq ir-registru, u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*(3) Jekk, f`xi kaz fejn kumpannija tkun qed tigi stralcjata volontarjament, ir-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb jew li ebda stralcjarju ma jkun qed jagixxi jew li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu stralcjati ghal kollox, u li l-prospetti li huma mehtiega li jsiru mill-istralcjarju skond l-artikolu 322 ikunu tard b`sitt xhur jew iktar, ir-Registratur jista` jippubblika fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta, avviz li f`eghluq tliet xhur mill-ahhar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviz, l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintweriex raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u konsegwentament li l-isem tal-kumpannija jithassar minn fuq ir-registru. Ir-Registratur ghandu jiehu hsieb jibghat bil-posta kopja tal-imsemmi avviz lill-kumpannija u lill-istralcjarju, jekk ikun hemm. Malli jaghlaq l-imsemmi zmien ta` tliet xhur l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u r-Registratur ghandu jhassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*(4) Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta` dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz tat-thassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista`, jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta` kopja ufficjali tal-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar; u l-Qorti tista` bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista` jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih ighaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

*(5) Avviz mibghut taht dan l-artikolu jista` jigi indirizzat lill-istralcjarju fil-post tan-negozju jew fl-indirizz tieghu l-ahhar maghruf, u ittra jew avviz li ghandu jintbaghat lil kumpannija ghandu jigi indirizzat lill-kumpannija fl-ufficcju registrat taghha.*

*(6) Minkejja li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru skond id-disposizzjonijiet ta` qabel dan l-artikolu, ir-*

*responsabbilità, jekk il-kaz, ta` kull direttur jew ufficjal iehor tal-kumpannija u ta` kull membru tal-kumpannija ghandha tkompli u tista` tigi infurzata daqslikieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar mir-registru.*

*(7) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 429(1), id-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu japplikaw ghal kumpannija li x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali taghha jkunu regolati bl-Ordinanza.*

## IV. <u>Il-*locus standi* tar-rikorrenti</u>

Jirrizulta li r-rikorrenti kienet direttur u azzjonista tal-kumpannija in kwistjoni.

### a) <u>Direttur</u>

Il-qorti ssib li kien unikament minhabba l-imgieba tal-kumpannija, ghar-ragunijiet li semma r-Registratur fir-risposta, li wasslet lir-Registratur sabiex jaghti bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem tal-kumpannija mir-registru tal-kumpanniji skont is-subartikolu (1) tal-Art 325.

Tiddikjara ruhha sodisfatta li r-Registratur segwa l-procedura kollha prevista mis-subartikolu (2) tal-Art 325.

Tghid illi kien ghaliex il-kumpannija baqghet inadempjenti li skatta t-thassir tal-isem skont l-istess subartikolu (2) tal-Art 325.

Tqis illi waqt li jkun ghaddej it-terminu ta` tliet xhur li jissemma fis-subartikolu (2) tal-Art 325, trid tkun il-kumpannija, permezz tar-rapprezentanti legali taghha, u cioe` ir-rikorrent bhala direttur, li f`dawk it-tliet xhur tissoddisfa lir-Registratur illi hemm ragunijiet bizzejjed sabiex ma jipprocedix bit-thassir. Jekk il-kumpannija jew ir-rapprezentanti legali taghha jew ma jiehdux azzjoni fit-terminu nkella ma jissodisfawx lir-Registratur f`dak it-terminu, id-dekorrenza ta` dak it-terminu johloq stat kontra l-kumpannija u l-isem jithassar *ipso jure*.

**Ghalhekk ir-rikorrenti fil-vesti tieghu ta` direttur ma setghetx tippromwovi l-kawza odjerna.**

**b) <u>Membru</u>**

Tqis li t-thassir tal-isem skont is-subartikolu (2) tal-Art 325 mhuwiex mahsub sabiex jolqot il-persuni li huma indikati fis-subartikolu (4) tal-Art 325.

Ghalhekk membru **<u>jew</u>** kreditur tal-kumpannija **<u>jew</u>** xi persuna ohra li jkollha interess ma ghandhomx l-obbligu li jissodisfaw lill-intimat ai termini tas-subartikolu (2) tal-Art 325.

Id-dekorrenza tat-terminu ta` tliet xhur imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Art 325 ma johloqx stat kontra l-persuni li huma ndikati fis-subartikolu (4).

Dment illi dawk il-persuni jissodisfaw ir-rekwiziti tas-subartikolu (4) tal-Art 325, huma jistghu jirnexxu fit-talba taghhom sabiex l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fir-registru.

**Ir-rikorrenti ghandha *locus standi* li bhala membru tal-kumpannija in kwistjoni tippromwovi l-azzjoni odjerna.**

Is-subartikoli (2) u (4) tal-Art 325 huma <u>distinti</u> ghax jolqtu persuni b`interessi differenti.

**V. <u>It-talbiet</u>**

Wara li qieset kif svolga l-procediment odjern, il-qorti tirrileva li sa mill-ewwel appuntament tal-kawza, ir-rikorrenti wriet disponibilita` konkreta li tirregola l-pendenzi li kellha l-kumpannija in kwistjoni mal-intimat qabel dan ta bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem mir-registru.

Tajjeb jinghad li fil-kors tal-kawza odjerna, kienu risolti l-pendenzi kollha li kellha l-kumpannija mal-intimat.

Fuq l-iskorta tal-atti, il-qorti fehmet u qieset dak li xpruna lir-rikorrenti sabiex tiehu azzjoni.

**Tenut kont ta` kif ir-rikorrenti wriet impenn tangibbli *pendente lite* sabiex iggib fl-ordni l-pendenzi li kellha l-kumpannija de qua, liema mpenn kien accettat mill-intimat, il-qorti tqis li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija C.C.J. Property Limited jerga` jidhol fir-registru.**

**Fl-istess waqt il-qorti trid taghmilha mill-aktar car lir-rikorrenti li bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji bl-ebda mod ma ghandu jfisser li bhal donnu l-qorti tat xi *carte blanche* lill-kumpannija, lill-ufficjali taghha u lill-azzjonisti sabiex kulma ma sarx tajjeb u skont il-ligi qabel sar it-thassir tal-isem issa jista` jigi ripetut.**

**Proprju xejn minn dan.**

**Il-qorti trid taccerta ruhha li bil-fatt illi l-isem jerga` jidhol fir-Registru, il-kumpannija tidhol lura fil-binarji tal-legalita` minghajr ma jkun hemm ghalfejn li r-Registratur tal-Kumpanniji jkollu jagixxi minhabba l-inadempjenzi ta` kull min huwa responsabbli.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent billi –**

**Tordna li l-isem C.C.J. Property Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C25970 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-isem C.C.J. Property Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C25970 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun ikkonsenjata lilu mir-Registratur tal-Qorti kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-isem C.C.J. Property Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C25970 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji, jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija C.C.J. Property Limited (C25970) rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Tordna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, kif ukoll kull spiza relatata mal-ezekuzzjoni ta` din id-decizjoni.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**